**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 619/2019**

**Dr Matthew Paris pro et noe**

**vs**

**Christopher Stanley**

**Illum, 12 ta' Gunju, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni preżentat fit-13 ta' Mejju, 2019;[1]

Rat id-digriet tagħha datat 13 ta' Mejju, 2019[2] fejn il-Qorti laqgħet it-talba b'mod provisorju.

Rat li nonostante notifika posittiva l-intimat baqa inadempjenti fir-risposta.

---

[1] Folio 1
[2] Folio 4

Rat ukoll li fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2019[3] fejn il-partijiet qablu, għal skop ta' transazzjoni, li l-Qorti tirrevokla contrario imperio d-digriet tagħha tal-laqgħa provisorja tal-mandat.

Qieset li fis-seduta sussegwenti l-partijiet baqgħu jsostnu l-ħsieb tagħhom ta' transazzjoni, liema pero falliet biex għalhekk fis-seduta ta' 12 ta' Ġunju, 2019 l-avukat tar-rikorrenti tratta l-mandat de quo.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa miżmum illi r-rekwisiti ta' mandat ta' inibizzjoni huwa li jintwera jedd, lir-rikorrenti juri li *prima facie* għandu dan il-jedd ukoll li l-kawtela hija meħtieġa biex ma jiġix inkors preġudizzju rremedjabbli.

Dqastant ieħor huwa stabbilit illi f'din il-proċedura sommarja l-grad ta' prova li jinħtieġ jintlaħaq huwa dak ta' *prima facie*.

**Ikkonsidrat**

Illi l-ilment prinċipali huwa tħaffir u tqattiegħ ta' blat fil-fond u sit indikat li wassal għal tkissir fil-propjeta adjaċenti tar-rikorrenti kif muri fir-ritratti esebiti mar-rikors promotur. Saħansitra qed jiġi allegat li l-anqas inżammu d-distanzi ta' sitta u sebgħin ċenteżmi (76cm). Ukoll li twaqqa ħajt kif evidenzjat fir-ritratti msemmija.

Huwa ndubjament ċar għal Qorti illi l-jedd pretiż huwa b'mod lampanti eżistenti.Almenu dan għal grad rikjest f'dawn il-proċeduri.

Daqstant ieħor huwa evidenti għal Qorti, anka b'sempliċi ħarsa fejn dak li akkada l-propjeta' tar-rikorrenti li l-istess propjeta' qegħda f'ċertu periklu minħabba x-xogħolijiet li qed isiru liema perikolosita' jista kjarament ikollha effetti rreperabbli.

---

[3] Folio 13

**Konsegwentament tilqa' t-talba għal ħruġ tal-mandat kif dedotta.**

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**

**Imhallef**